# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 10 ta' Jannar, 2002**

**Appell Nru 147/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kevin Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kevin Camilleri talli fit-28 ta' April, 2000, ghall-habta tat-8.10 a.m., f'Burmarrad (**1**) volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied; (**2**) dagha u qal kliem oxxen fil-pubbliku; (**3**) hebb ghal Emanuel Camilleri mill-Imgarr bla ma darbu; u (**4**) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll [tieghu] u/jew garr arma tan-nar u munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu kif ukoll zamm u garr l-istess arma li hija arma regolari kif ukoll munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Lulju, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Kevin Camilleri hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u kkundannatu ghall-piena ta' tlett xhur prigunerija, liema piena ta' prigunerija giet sospiza ghal sitt xhur mid-data ta' dik is-sentenza u dan, suppost, skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali; l-ewwel qorti ordnat ukoll "il-konfiska ta' l-arma imsemmija";

Rat it-talba ta' Kevin Camilleri ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza, maghmula u akkordata fis-17 ta' Lulju, 2001, ghall-fini ta' l-appell;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Kevin Camilleri, minnu presentat fis-26 ta' Lulju, 2001[1] li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

[1] F'dan il-kaz, l-ewwel gie presentat rikors datat 25 ta' Lulju, 2001, u l-ghada, 26 ta' Lulju, 2001 gie presentat rikors iehor in sostituzzjoni ta' l-ewwel wiehed.

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-Tlieta, 8 ta' Jannar, 2002; ikkunsidrat:

Qabel xejn, ghandhom jigi precizati zewg punti. Fl-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2002, l-abbili difensur ta' l-appellant, l-Avukata Dott. Giannella Caruana Curran, fissret li quddiem il-Qorti Inferjuri il-kawza kontra l-appellant, allura imputat, Kevin Camilleri kienet qed tinstema' kontestwalment ma' kawza kontra persuna ohra. Din il-Qorti tosserva li dana s-smigh kontestwali ma' xi kawza ohra ma jirrizultax mill-verbali registrati minn jew quddiem il-Qorti Inferjuri. Din il-Qorti ghandha tassumi li jekk kien hemm tali smigh kontestwali, l-ewwel qorti kienet tirregistra dana l-fatt f'xi wiehed mill-verbali. Anqas iz-zewg xhieda li xehdu fl-appell – P.S. 977 Joseph Zammit u l-Ispettur Simon Galea – ma setghu jitfghu xi dawl dwar dana l-allegat smigh kontestwali.

Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, il-periodu operattiv ta' sentenza sospiza ma jistax ikun ta' anqas minn sena. Ma kienitx korretta, ghalhekk, l-ewwel qorti meta ssospendiet il-piena ta' prigunerija ta' tlett xhur ghal "sitt xhur". Fl-assenza ta' appell da parti tal-prosekuzzjoni, dan id-difett, fis-sens li l-ewwel qorti nizlet taht il-minimu ghal dak li hu l-periodu operattiv ta' sentenza sospiza, ma jistax jigi sanat minn din il-Qorti.

F'din il-kawza, ghall-anqas fl-appell, xehdu biss, kif diga inghad, is-Surgent 977 Zammit u l-Ispettur Simon Galea. Is-Surgent Zammit kien ha r-rapport dwar l-incident li ghamlu l-appellant u missieru, kif ukoll kellem lill-appellant. L-Ispettur Simon Galea xehed limitatament dwar il-fatt li l-appellant qatt ma kellu – u sal-lum ghad ma ghandux – licenzja "to keep" jew "to carry" arma tan-nar u/jew munizzjon. Mid-deposizzjoni tas-Surgent Zammit tirrizulta biss l-ammissjoni ta' l-appellant li huwa kien ha s-senter ta' missieru u mar f'ghalqa biex jipprova jispara ghal gamiema u hemmhekk (dejjem skond ma qal l-appellant lis-Surgent) huwa gie aggredit minn kuginuh. Ghalhekk tirrizulta pruvata biss ir-raba' imputazzjoni (li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 66); l-ewwel tlett imputazzjonijiet b'ebda mod ma jirrizultaw pruvati. Effettivament dan huwa l-ewwel aggravju ta' l-appellant, u cioe` li ma kien hemm ebda prova ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet. Dana l-aggarvju qieghed, ghalhekk, jigi akkolt.

It-tieni aggravju hu fis-sens li ma kellux ikun hemm il-konfiska tal-arma stante li din kienet ta' missier l-appellant u mhux ta' l-appellant. L-abbili difensur ta' l-appellant ghamlet referenza ghall-Artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti tosserva, pero`, li l-Artikolu 19 tal-Kap. 66 huwa tassattiv u jimponi l-konfiska ta' *inter alia* kull arma tan-nar jew munizzjon li jinzammu jew jingiebu fuq il-persuna b'kontravvenzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Armi. F'dana l-kaz, ghalhekk, ma tapplikax il-limitazzjoni kontenuta fl-ahhar vers tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, u cioe` ta' meta l-oggett suggett ghall-konfiska ikun jappartjeni lil persuna li ma

tkunx hadet sehem fid-delitt (ara f'dan is-sens ukoll ***Il-Pulizija v. Noel Farrugia*** App. Krim. 3 ta' Frar, 1995). F'dan il-kaz, pero`, il-Qorti ser tirrevoka l-ordni ghall-konfiska ghal raguni ohra u aktar fondamentali: minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-arma ezibita taht l-awtorita` ta' l-ewwel qorti mis-Surgent Zammit – ara l-verbal tal-24 ta' April, 2001 – kienet fil-fatt l-arma li l-appellant kien qed idur biha biex jispara ghall-gamiema. Is-Surgent Zammit jghid li l-arma kienet dik li kien qed idur biha l-appellant mhux ghax b'xi mod elevaha hu (cioe` s-surgent) minghand l-appellant, izda ghax qallu hekk l-Ispettur Valletta (li ma giex prodott bhala xhud) fuq dak li kien qallu l-kugin ta' l-appellant (li wkoll ma giex prodott bhala xhud) meta dan ha s-senter minn idejn l-appellant: kaz ta' *double* jew *triple hearsay* li certament ma jaghmilx prova tal-verita` ta' dak li qed jghid is-surgent fir-rigward ta' min kien qed igorr l-arma ezibita.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena, li l-appellant jqis li kienet eccessiva. Din il-Qorti, pero`, tosserva li l-piena ghad-delitt kontemplat fl-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 66 hija dik ta' prigunerija minn xahrejn sa sentejn. Ebda piena pekunjarja ma hi prevista.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

i. thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-ewwel, skond it-tieni u skond it-tielet imputazzjoni u minflok tilliberah minn dawn it-tlett imputazzjonijiet;
ii. thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ordnat "il-konfiska ta' l-arma imsemmija" u cioe` tal-arma formanti parti mid-Dokument JZ ezibit mis-Surgent 977 Joseph Zammit fl-24 ta' April, 2001; u
iii. tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, cioe` f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond ir-raba' imputazzjoni kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena ta' tlett xhur prigunerija sospizi ghal sitt xhur.

Il-periodu operattiv ta' sitt xhur jibda jiddekorri mill-lum. Il-Qorti spjegat bi kliem car lill-appellant hekk misjub hati ir-responsabbilita` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv ta' sitt xhur reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Fl-ahhar nett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghall-annotazzjoni mehtiega skond l-Artikolu 28A(8) tal-Kodici Kriminali.

Aldo Testone
Dep. Registratur